## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 14 ta' April 2025

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**MASSIMO TIVISINI**

(K.I. 0228393M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Massimo Tivisini** ta' sitta u ħamsin (56) sena, iben Paola Tivisini u Rosaria Grazia Corso, imwieled Sqallija, nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (1968) residenti 227, Triq il-Merkanti, Valletta u detentur tal-karta tal-identitá Maltija numru 0228393M u akkużat talli nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 50, Triq San Ġwann Battista, Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer għall-ħabta ta' bejn il-ħdax u nofs (11:30hrs) u s-siegħa u nofs (13:30hrs) ta' wara nofsinhar:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Herbert Said, detentur tal-karta tal-identità numru 433950M, raġel ta' erbgħa u sebgħin (74) sena, f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè

offiża ta' natura gravi fuq l-istess Herbert Said hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr Bahaa Alkhateb;

U akkużat ukoll talli bejn l-ewwel (1) ta' Awwissu u l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa l-Gżejjer Maltin:

2. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Herbert Said, li kien jirrisjedi miegħu, biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna l-imsemmija biża';

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat Massimo Tivisini bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab ħati b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti kienet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuna offiża, u ċioè ta' Herbert Said, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għal-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f’każ ta ħtija, il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss, il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi liġi;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma semgħet il-Qorti, l-akkużat kellu xi diffikultajiet fir-residenza fejn kien jirrisjedi u bl-għajnuna ta' Fr Maurice Mifsud huwa sab residenza flimkien mal-parte ċivile Herbert Said. Jirriżulta li huma kienu jirrisjedu fl-istess dar tal-parte ċivile għal numru ta' xhur u li l-akkużat kien iżommlu kumpanija. Il-parte ċivile qal li skontu, l-akkużat għandu ħabta jimponi r-rieda tiegħu fuq terzi u meta jirrabja għandu tendenza li jitlef il-kontroll. Filfatt huwa jgħid li dakinhar tat-13 ta' Diċembru 2024 kellhom nuqqas ta' qbil u l-akkużat ħebb għalih u kkawżalu ġrieħi f'rasu. Qal li huwa ħafer lill-akkużat u jżommu bħala ħabib tiegħu. Qal li huwa rrapporta lill-akkużat sabiex jagħmillu l-ġid u li ma jżomm xejn f'qalbu għalih.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li għalkemm l-akkużat għandu fedina penali li tixhed passat mqanqal jidher li tul dawn l-aħħar snin l-istess akkużat ikkalma u ilu

numru ta’ snin ma jxellef difrejħ mal-liġi. Jidher għalhekk li piena karċerarja m’hijiex idonea f’dawn iċ-ċirkostanzi u aktar jibbenefika jekk tkun piena retributtiva.

Illi miċ-ċirkostanzi ta’ bejn l-akkużat u l-*parte ċivile* kif żviluppaw *pendente lite*, speċjalment minħabba li t-tnejn li huma jagħmlu xogħol volontarju u jista’ jkun li jiltaqgħu matul it-twettiq ta’ dan ix-xogħol, il-prosekuzzjoni mhux qed tinsisti fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 222(1)(a) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Massimo Tivisini <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qed qed tpoġġiħ taħt Ordni ta’ Probation għall-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum bil-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment;

Illi l-Qorti qed tastjeni milli toħroġ Ordni ta’ Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-konfront tal-ħati.

Illi b’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Massimo Tivisini jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta’ tlett mija u tmiena u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€338.48) rappreżentanti spejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti f’dawn il-proċeduri, liema somma għandha titħallas sa mhux aktar tard minn tmien (8) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li huwa jifhem x’inhuma l-effetti tal-Ordni ta’ Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali, ossija r-reati odjerni minbarra l-piena għar-reati kommessi waqt il-perjodu tal-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mad-Digrieti mogħtija kontestwalment, jingħataw minnufiħ lill-ħati, lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation and Parole.

**ft. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**